MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 58/2001/1

**Rikors Nru. 58/2001**

**Kummissarju ta’ l- Art**

**Vs**

**Helen Brincat u Antonia Mallia**

Il- Brod,

Ra ir- rikors ta’ l- Kummissarju ta’ l- Art fejn jesponi bir-rispett:

Illi l- intimati gew notifikati b’ avvis ghall- ftehim datat 17 ta’ Settembru 2001, fejn gew infruamti li l- kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri assolut bhala franka u libera ta’ bicca art f’ Birkirkara, tal-kejl ta’ madwar 1,470 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta’ tal- knisja, min- Nofsinhar ma’

propjeta' ta' Anthony Zammit u mill Punent ma' Propjeta ta' Carmelo Borg, huwa ta' elfejn u hames mitt Lira Maltija (Lm 2,500), kif jidher mir- rapport tal- Perit Carmen V. Sutton A. & C. E. tat- 3 ta' Awissu, 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l- istess Avvis ghall- ftehim.

Illi fl- istess Avvis ta' Ftehim kien hemm intimati ohra.

Illi dawn il- persuni kienu Thomas Mallia, Maria Carmela Tonna, Josephine Baldacchino, Maro Mallia u Pauline Mallia.

Illi l- persuni  Thomas Mallia, Maria Carmela Tonna, Josephine Baldacchino, Mario Mallia u Pauline Mallia, naqsu li jirrispondu fiz- zmien il- 21 gurnata rikjesti mill-Ligi u b' hekk dawn waqghu kontumaci.

Illi ghalhekk ir- rikors irid jimxi f' isem Helen Brincat u Antonia Mallia peress illi b' ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru, 2001, l- intimat fost affarjiet ohra iddikjaraw li ma jaccettawx il- kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tletin elf Lira Maltija (LM30,000).

Ghaldaqstant l- esponent jitlob bir- rispett li dan il- Bord joghgbu jordna lill- intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b' titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l- art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment ta' l- Art jew lin- Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippublika l- att relattiv f' dik il- gurnata, hin u lok li dan il- Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l-akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra ir- risposta ta' Helen Brincat u Antonia Mallia:

Permezz tal- prezenti, Helen Brincat u ohtha Antonia Malli ta' 23, “Marbern House” Triq K Galea, B' Kara filwaqt li jaghmlulek referenza ghall ittra ufficcjali ndirizzata lilhom u ohrajn datata 17 ta' Settembru 2001 rigwardanti kumpens offrut ghal bicca art gewwa B' kara tal- kejl ta 1470 metri

kwadri fl- ammont ta' Lm 2500 skond valutazzjoni maghmula mill- Perit Carmen Sutton datat 3 ta' Awissu 2001, jinfurmawk ghal kul fini u effett tal- ligi li l- mittenti mhux qed jaccettaw tali cifra offerta u dana in vista tal- fatt li tali somma hija redikolament baxxa u ma tirrispekkjax b' ebda mod il- valur fis- suq tal- istess skond kif tesigi l- ligi civili u l- Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi fl- istess hin, il- mittenti jinfurmawk ukoll ghal finijiet tal- ligi li kumpens xieraq ghall- istess ma ghandu ikun anqas minn LM 30000 u dana meta jigi tenut kont tal- lokalita in kwistjoni, ta' sit l- imsemmija art partikolarment tal- fatt li tinsab b' faccatta fuq triq pubblika;

Tant biex tkun tista' tiorregola ruhek sewwa ai termini tal- Ligi.

Din l- interpellanza qieghda ssir ai termini tal- Kap 88 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra n- nota ta' l- intimati li biha fil- 11 ta' Ottubru irtiraw l- oggezzjoni taghhom maghmula fir- risposta.

Jilqa it- talba tar- rikorrent u jordna lill- intimati jittrasferixxu favur ir- rikorrent b' titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f' Birkirkara tal- kejl ta' madwar 1,471 metri kwadri, li tmiss mit- Tramuntana ma' propjeta' tal- Knisja, min- Nofsinhar ma' propjeta' ta' Anthony Zammit u ohrajn u mill- Punent ma' propjeta ta' Carmelo Borg, skond il- pjanta mahduma mill- Perit Carmen V. Sutton tat- 3 ta' Awissu 2001 (Kopja taghha annessa ma' l- Avvis ghall- ftehim).

Billi l- art tappartjeni wkoll lin- nies ohra li baqghu kontumaci f' dawn il- proceduri l- intimati mill- kumpens dovut ghall- art kollha ta' elfejn u hames mitt Lira Maltija ghandhom jiehdu kumpens skond is- sehem li ghandhom mill- art.

Jahtar lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment tal- Art jew lin- Nutar li jkun qed jezercitha minnfloku biex jippublika l- att fl- ufficju tieghu fid- Dipartiment imsemmi fl- 14 ta' Ottubru 2004 tid- 9.00a.m. u lid- Dottoressa Charmaine Zammit biex tidher fuq l- att ghall- kontumaci. L- ispejjez taz- zewg intimati f' dawn il- proceduri u tal- pubblikazzjoni ta' l- att ghandhom jithallsu mir- rikorrent u dan skond id- diskrezzjoni moghtija mill- Ligi lill- Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------